MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2015

Rikors Numru. 8/2015

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mill-avukat AB, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu nhar is-sbatax (17) ta’ Gunju tas-sena elfejn u hamsa (2005) (Ara Dok. A li qieghed jigi hawn anness ma dan ir-rikors) u minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal;

Illi l-partijiet ilhom ghal aktar minn erbgha (4) snin separati de facto u legalment bis-sahha ta’ kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali redatt minn Nutar Dottor Patrizia Mallia LL.D. fil-hamsa (5) ta’ Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) (Ara Dok B li qieghed jigi hawn anness ma dan ir-rikors);

Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minn barra li ilhom snin twal mifrudin u joqghodu barra minn Malta sahansitra f’kontinenti differenti sahansitra ftit xhur wara z-zwieg taghhom, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u anke ffurmaw rabtiet ma persuni ohrajn;

Illi m’hemm l-ebda manteniment dovut f’dan l-istadju stante li huma ma kellhomx ulied u kemm ir-Rikorrenti kif ukoll l-intimat m’humiex intotolati ghall-manteniment peress illi huma kienu rrinunzjaw li jircievu manteniment minghand xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Jannar, 2015;

Semghet lill-intimat Christopher Michael Camilleri nomine jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti nomine ghan-nom ta' Kirstin Maria Abrook irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-5 ta' Dicembru 2014, izda ilhom ghal aktar minn erba' snin de facto separati minn ma xulxin;

Ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------